# Aktar dwar l-Ark

Minn Grazio A. Grech

F'dan il-ktejjeb tas-sena l-oħra, jiġifieri dak tal-2013, tajt tagħrif dwar l-ark maestuż li jintrama fil-Pjazza tax-Xewkija għall-Festa ta' San Ġwann Battista. Iżda wara l-Festa, ħabib tiegħi ġibidli l-attenzjoni li ra ritratt ta' dan l-ark armat fi Triq it-Tiġrija, illum Triq ir-Repubblika, fil-Belt Victoria; tant, li, wara li għaddieli kopja ta' dan ir-ritratt, erġajt għamilt aktar riċerka, u wasalt għal konklużjoni dwar l-informazzjoni li kelli qabel, jiġifieri li dan l-ark intrama fil-bidu tat-Telgħa tal-Kastell, dak iż-żmien *Salita Castello (Castle Hill)*, illum it-Telgħa tal-Belt, u mhux fi Triq il-Kastell. Intant, kif ktibt is-sena l-oħra, l-ark kien intrama fil-bidu tat-Telgħa tal-Belt, kemm fl-1929 u kemm fl-1945.




*L-Ark armat fil-Pjazza tax-Xewkija (2013) - Ritratt ta' Anthony Grech*

Dan l-ark kien intrama wkoll, kif diġà għidt, fi Triq it-Tiġrija, li dak iż-żmien kienet iġġib l-isem ta' *Corso Fortunato Mizzi*, illum Triq ir-Repubblika, propju ftit 'l isfel minn fejn illum hemm *Id-Duke*, u dak iż-żmien kien hemm il-lukanda *Duke of Edinburgh*. Dan nafuh minn ritratt meħud nhar l-20 ta' Ġunju 1935 mis-Sur Edward Zammit, Malti. Dan ifisser li l-ark kien intrama għall-okkażjoni tal-Inkurunazzjoni tal-Kwadru Titulari tal-Madonna Ta' Pinu li saret mil-Legat tal-Papa, il-Kardinal A. Lepicier, nhar l-20 ta' Ġunju 1935. Dakinhar, Triq it-Tiġrija kienet imżejna sabiex tilqa' lill-Kardinal, u fost it-tiżjin kien hemm dan l-ark maestuż. Il-pendent li kellu mdendel miegħu għal din l-okkażjoni storika fl-istorja tal-gżira Għawdxija kien jaqra hekk: *"Lauda Gaulos Salvatorem"*, li bil-Malti tfisser: "Ifaħħar Għawdex lis-Salvatur". Irrid nirringrazzja lill-Perit Andrè Zammit ta' dan it-tagħrif li għaddieli b'konnessjoni ma' din l-okkażjoni. Ritratt ta' dan l-ark armat fi Triq ir-Repubblika, il-Belt Victoria, Għawdex ġie ppubblikat kemm mal-artiklu tal-Perit Andrè Zammit li deher fis-Suppliment ta' *The Sunday Times of Malta* tal-5 ta' Awwissu 2001, u kemm fil-ktieb ta' dan l-istess awtur *I Remember*, paġna 83, ippubblikat fl-2007.

Tagħrif ieħor li ġbart hu dwar il-Perit Andrè Vassallo, li kien responsabbli mit-tiżjin tat-toroq fil-Belt Valletta. Il-Perit Vassallo twieled f'Ħal Luqa f'Jannar 1856, u beda l-karriera tiegħu bħala skultur. Sal-1887 kien diġà għadda mill-istadji kollha tal-arti tal-kostruzzjoni. F'Diċembru tas-sena 1887 ġie appuntat mill-Gvernatur ta' Malta bħala skrivan tax-xogħlijiet (*Clerk of Works*) mas-Servizz Pubbliku. Fl-1908 inħatar Arkitett fid-Dipartiment tax-Xogħlijiet. Huwa spiċċa mis-Servizz Pubbliku fil-bidu tas-snin għoxrin tas-seklu li għadda.

Fis-sena 1892 ġie aċċettat bħala Inġinier Ċivili (C.E.) mill-Istitut tal-Inġinerija Ċivili tal-Gran Brittanja, u fl-1907 ġie rikonoxxut bħala Arkitett mill-Istitut Irjali tal-Arkitetti Ingliżi (F.R.I.B.A.).

Fost ix-xogħlijiet minn tiegħu nsibu: 1) l-Isptar Zammit Clapp, 2) Villa Rosa f'Saint Andrews, 3) Casa Said fuq il-Front Tas-Sliema, 4) il-knisja tal-Madonna tal-Herba f'Birkirkara, 5) il-koppla tal-knisja ta' San Gejtanu fil-Ħamrun, 6) il-koppla tal-knisja ta' San Nikola tas-Siġġiewi, 7) u l-knisja Bażilika tal-Madonna Ta' Pinu f'Għawdex.

Il-Perit Andrè Vassallo miet f'Jannar tal-1928.

**Riferenzi**

*Malta Blue Book*, 1893, 1908-1909, 1909-1910, 1919-1920.
Mifsud Bonnici R., *Diz. Bijo. Nazzjonali*, 1960, p. 508.
Ganado H., *Rajt Malta Tinbidel*, Vol. I, 1977, p. 127.
Schiavone M., *Dictionary of Maltese Biographies*, 2009, p. 1562.

Ħajr lill-Perit Andrè Zammit.